MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tad-9 ta' Ġunju, 2023

Appell Inferjuri Numru 134/2019 LM

**Carmel Fenech eżerċenti l-kummerċ bl-isem ta' 'Apple's Eye'**
**(K.I. nru. 429846(M))**
*('l-appellant')*

***vs*.**

**Martin Conrad Briffa eżerċenti l-kummerċ taħt l-isem ta'**
**IDP Malta (K.I. nru. 122571(M))**
*('l-appellat')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrent **Carmel Fenech eżerċenti l-kummerċ bl-isem ta' 'Apple's Eye' (K.I. nru. 429846(M))** [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'] minn sentenza mogħtija fit-22 ta' Ġunju, 2022, [minn issa 'l quddiem

'is-sentenza appellata'] mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) [minn issa 'l quddiem 'l-ewwel Qorti'], li permezz tagħha ddeċiediet ir-rikors tiegħu fil-konfront tal-intimat **Martin Conrad Briffa eżerċenti l-kummerċ taħt l-isem ta' IDP Malta (K.I. nru. 122571(M))** [minn issa 'l quddiem 'l-appellat'] billi ddikjarat li kienet qegħda:

> *"...tilqa' in parti s-sitt eċċezzjoni tal-konvenut safejn hija kompatibbli ma' dawk hawn deċiż, qiegħda tiċħad it-talbiet tal-attur CARMEL FENECH fil-konfront tal-konvenut, bl-ispejjeż jiġu sopportati mill-istess attur."*

## **Fatti**

2. Il-każ odjern jirrigwarda tined jew *pergolas* li ġew ipprovduti u nstallati fil-post tan-negozju ġestit mill-appellant taħt l-isem 'Apple's Eye' ġewwa Għajn Tuffieħa, skont il-ftehim espress permezz tal-fattura tat-13 ta' Ottubru, 2017. Jirriżulta li sussegwentement tfaċċa s-sadid mill-istruttura tal-imsemmija *pergolas,* u wara li fallew id-diversi negozjati bejn l-appellant u wliedu fuq naħa minnhom, u d-ditta manifattriċi estera Pergo Turk ġewwa t-Turkija, flimkien ma' Roderick Borg u l-appellat għad-ditta IDP Malta, l-appellant iddeċieda li jeżegwixxi x-xogħol rimedjali huwa stess billi nkariga lil terzi jagħmlu dan.

## **Mertu**

3. L-appellant istitwixxa dawn il-proċeduri quddiem l-ewwel Qorti permezz tal-preżentata ta' rikors fl-1 ta' Lulju, 2019, fejn ħarrek lill-appellat sabiex:

*"...prevja kull dikjarazzjoni jew ordni li ... l-Onorabbli Qorti tħoss neċessarju jew opportun li tagħmel, inti tħallas lir-rikorrenti is-somma ta' sitt elef, disa' mija u tlieta u sittin Euro u tmintax-il ċenteżmu (€6,963.18), liema somma hija, kemm għar-raġunijiet indikati hawn isfel u kif ukoll għal dawk magħrufa fil-Liġi, dovuta minnek – dan wara illi t-tined illi kont provdejt u installajt fin-negozju tal-mittenti, ma kinux ta' kwalità, ma kinux tajbin għall-iskop li nxtraw u kellhom għadd ta' diffetti, tant illi ssaddu, u sfaw f'sitwazzjoni estetika mwegħra ferm, u l-istat tagħhom kien f'tali gravità illi dawn it-tined saru ta' periklu kbir għall-impjegati, kif ukoll għan-nies li jżuru n-negozju – dan kif kostatat mill-Inġinier Johan Psaila.*

*...*

*Bl-imgħax fuq dan l-ammont, u bl-ispejjeż kontrik li minn issa tinsa inġunti in subizzjoni".*

4. L-appellat wieġeb fid-9 ta' Ottubru, 2019 permezz ta' risposta ġuramentata, fejn eċċepixxa s-segwenti: (a) l-appellant kellu jindika fuq liema disposizzjonijiet tal-ligi huwa kien qiegħed isejjes it-talbiet tiegħu; (b) fil-mertu, it-talba tal-appellant kienet infondata fil-fatt u fid-dritt, u kellha tiġi miċħuda bl-ispejjeż stante li ma kienx minnu li t-tined li huwa kien ipprovda u li huwa kien installa fin-negozju tal-appellant, ma kienux ta' kwalità, ma kienux tajbin għall-iskop li nxtraw u kellhom għadd ta' difetti sabiex konsegwentement spiċċaw ta' perikolu; (ċ) il-materjal u x-xogħol magħmul fil-lok kien skont il-ftehim, u ma kien hemm l-ebda difetti jew li l-kwalità ma kinitx skont dik pattwita; (d) ix-xogħlijiet eżegwiti minnu kienu skont is-sengħa u l-arti u l-materjal fornit kien skont dak miftiehem; (e) għaldaqstant l-ebda ammont ma kien dovut bħala danni lill-appellant; (f) l-allegati danni kellhom jiġu ppruvati mill-appellant sal-grad rikjest mil-liġi, u jrid ikun hemm ukoll il-prova tan-ness bejn l-allegati danni u l-appellat; (ġ) u dan salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

5. Fit-2 ta' Diċembru, 2019 l-appellant ippreżenta rikors quddiem l-ewwel Qorti, fejn talab sabiex din tawtorizzah jagħmel korrezzjoni fl-Avviż intavolat minnu sabiex is-somma pretiża tiżdied għal €6,963.18. Wara li fil-11 ta' Frar, 2020 l-appellat iddikjara li huwa ma kienx qed joġġezzjona għat-talba tal-appellant, l-ewwel Qorti għaddiet sabiex tat id-debita awtorizzazzjoni.

**Is-Sentenza Appellata**

6. L-ewwel Qorti waslet għas-sentenza appellata wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet rilevanti għal dan l-appell:

> *"Ikkunsidrat;*
>
> *Il-Qorti tqis li għandha tibda biex tindirizza dik il-parti mix-xhieda tal-konvenut fejn iddikjara illi huwa kellu jintevjeni mal-attur fir-rigward tal-problema tas-sadid li kien żviluppa fil-*pergolas*, għaliex Roderick kien marad serjament u fejn xehed ukoll li huwa kien informa lid-diriġenti tal-istabbiliment Apple's Eye li ma setgħux jieħdu azzjoni legali kontrih għaliex il-kuntratt konkluż bejn il-partijiet jistipola kjarament li IDP Malta mhux responsabbli għax-xogħol supplit u eżegwit minn Pergoturk (fn. 11 Affidavit tal-konvenut, fol. 63). Meta reġa' xehed minn jeddu (fn. 12 Xhieda tad-29 ta' Novembru 2021, fol. 81), il-konvenut għamel ukoll referenza għall-ftehim dwar il-bejgħ u konsenja tal-*pergolas *in kwistjoni, datat 13 ta' Ottubru 2017, fejn huwa stipolat espressament:* "The client acknowledges and accepts that the agent is acting as an agent for and on behalf of the principal and not in his own personal capacity. Also the guarantee is in the responsibility of the principal (Manufacturer)" *(fn. 13 vide Dok. MB1, fol. 97. Dan l-istess jidher li huwa riprodott fit-tieni paġna tal-Affidavit ta' Stephanie Cassar, fol. 16). Dan l-argument hu rispekkjat fit-tieni u fis-sitt paragrafi fir-Risposta tal-istess konvenut fejn eċċepixxa in sostanza illi t-talba tal-attur fil-konfront tiegħu hija infondata u jrid jiġi ppruvat in-ness bejnu u l-allegati danni.*
>
> *Il-Qorti rat il-provi u fehmet illi mhux kontestat illi effettivament il-konvenut ma kienx il-persuna li nnegozja, taħt l-isem "IDP Malta", il-bejgħ u konsenja tat-tined* (pergolas) *u l-istallazzjoni tagħhom fl-istabbiliment "Apple's Eye" – din il-persuna kienet ċertu Roderick Borg. Kemm hu hekk, Carmel Fenech l-attur, xehed (fn. 14 Kontro-ezami tal-*

*attur, 11 ta' Ottubru 2021) illi mal-konvenut Martin Conrad Briffa ma kienx tkellem "...* sakemm ... meta bagħtna għalih biex inkellmuh li x-xogħol qiegħed issaddad, in the meantime Roderick sparixxa...*" Imbagħad, l-attur ikkonferma speċifikatament li sakemm kienu qed isiru x-xogħlijiet ta' istallazzjoni tat-tined, lill-konvenut Martin Conrad Briffa qatt ma tkellem miegħu u l-ftehim dwar il-kwalità tal-prodott u jekk kellux ikun galvanizzat jew le, sar ma' Roderick li kien ukoll preżenti fuq il-lant tax-xogħol jieħu ħsieb il-ħaddiema u jara li kollox sew (fn. 15 fol. 69). L-attur afferma ulterjorment illi l-ħlas sar lil Roderick.*

*Il-ftehim dwar il-bejgħ, konsenja u istallazzjoni tal-prodott "*pergolas*" jirriżulta mill-invoice datat 13 ta' Ottubru 2017. Minn eżami ta' dan id-dokument huwa minnufih evidenti li l-ftehim ġie konkluż bejn "Steph Cassar" u "IDP Malta (International Design Projects)" fejn din tal-aħħar kienet qed taġixxi bħala aġent ta' Pergo Turk, Turkey. Dan l-invoice huwa ffirmat mill-istess Steph Cassar bħala "l-klijent" u persuna oħra – li hemm qbil li m'huwiex il-konvenut - bħala "l-aġent" għan-nom tal-prinċipal 'Pergo Turk', il-manifatturier tal-prodott. Huwa wkoll stipolat espressament f'dan id-dokument illi l-klijent jaċċetta li l-aġent qiegħed jaġixxi f'isem u in rappreżentanza tal-prinċipal u mhux fil-kapaċità personali tiegħu.*

*Il-Qorti tosserva illi m'hemmx prova fl-atti li l-isem IDP Malta jappartjeni lil xi entità jew korp ta' persuni formalment imwaqqaf skont il-liġi iżda jirriżulta illi dan huwa isem ta' negozju. Minn dan isegwi illi l-persuna li taġixxi għan-nom ta' din id-ditta tkun qiegħda taġixxi* de proprio *u mhux in rappreżentanza ta' korp li għandu personalità ġuridika u li tista' toqgħod fil-ġudizzju b'mod awtonomu. Iżda fil-każ tan-negozju li jifforma l-mertu ta' din il-kawża, Roderick Borg jew min innegozja u kkonkluda l-ftehim mal-attur, kien qed jeżerċita n-negozju bl-isem IDP Malta mhux f'ismu proprju iżda bħala aġent tas-supplier barrani 'Pergo Turk' ġewwa Malta. Għalhekk, hu ovvju li l-klijent li jixtri l-prodott tas-supplier 'Pergo Turk' jidħol f'relazzjoni kontrattwali mal-persuna li tkun aġixxiet għan-nom tas-supplier ġewwa Malta, biss f'kapaċità rappreżentattiva għaliex effettivament, ir-relazzjoni kuntrattwali in kwantu għall-bejgħ tal-prodott, teżisti b'mod dirett mal-prinċipal ċioé s-*supplier *innifsu.*

*Kif rajna, huwa eskluż anke* ex admissis *mill-attur innifsu, illi l-persuna li aġixxiet bħala l-aġent tal-manifatturier barrani f'dan il-każ kien il-konvenut Martin Conrad Briffa: effettivament mhux kontestat illi kien Roderick Borg li nnegozja mal-attur il-bejgħ tat-tined, li aġixxa għan-nom tas-*supplier *tal-istess prodott, li ħa ħsieb l-istallazzjoni tat-tined u li rċieva l-ħlas tal-prezz miftiehem.*

*Il-provi huma konkordanti u juru li l-konvenut Martin Conrad Briffa, għad illi huwa b'xi mod involut fin-negozju bl-isem IDP Malta li, kif stabbilit, tirrappreżenta l-interessi tas-*supplier *barrani Pergo Turk ġewwa Malta, ma kienx parteċipi fil-ftehim konkluż mal-attur jew aħjar, ma' bintu Stephanie Cassar u ma kienx innegozja huwa stess il-bejgħ u l-istallazzjoni tat-tined: kif stabbilit, dan il-ftehim ġie konkluż ma' Roderick Borg li kien, dak iż-żmien, aġixxa bħala l-aġent tas-supplier Tork għall-fini tal-bejgħ u konsenja tal-*pergolas *mertu ta' din il-kawża u ħa ħsieb l-istallazzjoni tal-istess.*

*Hija għalhekk il-fehma tal-Qorti li l-azzjoni proposta kontra l-konvenut odjern, Martin Conrad Briffa, ma tistax tirnexxi għaliex ġaladarba l-azzjoni attriċi hija fondata fuq il-konsenja ta' prodott difettuż jew mhux tal-kwalità pattwita, din l-azzjoni kellha tiġi indirizzata fil-konfront tal-persuna li magħha l-attur (jew aħjar, bintu Stephanie Cassar) ikkontratta u f'dan il-każ, jirriżulta li huma kkuntrattaw mhux mal-konvenut iżda ma' Roderick Borg li kien qed jeżerċita negozju bl-isem "IDP Malta" u kien qed jaġixxi wkoll bħala għan-nom tal-prinċipal tiegħu, id-ditta estera Pergo Turk. Għall-Qorti huwa wisq evidenti li f'dan il-kuntratt, il-konvenut ma kien ħa ebda sehem, la bħala aġent tas-*supplier *barrani u wisq inqas f'ismu proprju u għalhekk ma jista' qatt jitqies li huwa responsabbli għad-danni li l-attur isostni li sofra minħabba d-difetti fil-prodott li huwa xtara abbażi tal-invoice tat-13 ta' Ottubru 2017.*

*Għaldaqstant, il-Qorti tqis li hija nieqsa kwalsiasi rabta ġuridika kuntrattwali jew ta' xort'oħra bejn l-attur u l-konvenut imħarrek f'dan il-ġudizzju u fl-aħjar ipotesi għall-attur, huwa ma rnexxilux jipprova l-eżistenza ta' ness bejn, fuq in-naħa l-waħda, id-danni li allegatament sofra b'riżultat tal-bejgħ u istallazzjoni ta' prodott difettuż jew mhux tal-kwalità pattwita, u l-konvenut fuq in-naħa l-oħra. Huwa minnu li l-konvenut intervjena mal-attur u ma' uliedu biex jipprova jfittex soluzzjoni għall-problema tas-sadid li feġġ fl-istruttura li ġiet istallata fl-istabbiliment tal-attur, iżda hu evidenti li dan għamlu għan-nom tas-*supplier *barrani u mhux għaliex assuma rresponsabbilità personali għall-bejgħ u konsenja tal-prodott jew għat-tiswija tad-difetti riskontrati. Kemm hu hekk, il-konvenut xehed – u dan jinsab affermat mid-dokumenti esebiti fl-atti – li huwa stabbilixxa kuntatt permezz ta' Whatsapp bejn l-attur u uliedu fuq naħa waħda u s-*supplier *barrani, ċertu Zuklak, fuq in-naħa l-oħra biex flimkien isibu soluzzjoni għall-problema tas-sadid fl-istruttura. Xehed ukoll li għamel huwa stess l-arranġamenti biex is-*supplier *barrani ġie Malta ħalli jara l-problemi li feġġew fl-istuttura u tinstab soluzzjoni aċċettabbli għaż-żewġ naħat. Għall-Qorti hu ovvju li f'dan kollu, ir-rwol tal-konvenut kien biss bħala rappreżentant lokali tad-ditta estera Pergo Turk u bħala intermedjarju fin-negozjati bejn il-prinċipal u l-klijenti. Fehmet ukoll li l-offerta li għamel l-istess konvenut biex jerfa' huwa stess l-ispejjeż għax-xogħol ta' tiswija u jħallas lill-ħaddiema, ma saritx b'xi aċċettazzjoni ta'*

*responsabbilità personali iżda kienet biss turija ta' rieda tajba biex jimminimizza l-ispejjeż għall-prinċipal tiegħu (fn. 16 Ara skambju ta' messaġġi dok. MB5 u dok. MB6 u Affidavit tal-konvenut tal-24 ta' Mejju 2021) u biex jintħalaq ftehim bonarju.*

*Illi ġie ritenut (fn. 17 Qorti tal-Appell,* ***Karmenu Mifsud v. Onor. Ministru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni et.)*** *illi* "l-ħtieġa li att ġudizzjarju jitressaq kontra l-persuna t-tajba li jmissha twieġeb għall-pretensjonijiet attriċi mhijiex xi kapriċċ maħsub biex joħloq għarbiel artifiċjali ħalli Qorti ma tistħarriġx il-mertu tal-każ. Dik il-ħtieġa toħroġ sewwasew mir-rieda tal-liġi li deċiżjoni mogħtija minn Qorti tkun torbot lil min messu jkun marbut u mhux lil min ma jkollu l-ebda rabta ma' dak il-fat*t (fn. 18 Ara, b'eżempju, Qorti tal-Kummerċ 10.10.1990* ***Ray Micallef noe et vs Mark Anastasi et noe*** *(mhux pubblikata) u Qorti tal-Kummerċ 14.10.1991,* ***Avukat Dottor Gino Camilleri noe et vs Albert Mizzi et noe et*** *(ukoll mhux pubblikata)".*

*Il-korollarju ta' dan hu li l-konvenut ma jistax iwieġeb għad-domanda tal-attur kif imfassla fir-Rikors promotur, domanda li hija fondata purament fuq kuntratt ta' bejgħ, konsenja u istallazzjoni ta' prodott, kuntratt li fih il-konvenut ma kellu l-ebda sehem la bħala firmatarju fuq il-ftehim f'ismu personali u lanqas bħala l-persuna li rrappreżenta l-interessi tas-*supplier. *Fil-fatt, huwa immaterjali jekk il-konvenut huwiex effettivament il-persuna li jirrappreżenta l-interessi tas-*supplier *ġewwa Malta, għaliex ma ġiex imħarrek f'dik il-kapaċità u għalhekk, ma jistax iwieġeb għall-bejgħ, konsenja u istallazzjoni ta' prodott skont it-termini ta' kuntratt li ġie konkluż abbażi ta' negozjati li huwa ma kellu l-ebda parteċipazzjoni fihom.*

*Dan stabbilit, hija wkoll il-fehma tal-Qorti li din l-azzjoni ma tista' qatt tirnexxi kontra l-konvenut għaliex kif ġie eċċepit minnu fil-mertu, ma ġiet ippruvata l-ebda rabta bejnu u bejn id-danni li allegatament sofra l-attur. Effettivament, Martin Conrad Briffa ma kienx il-persuna li magħha ġie kontrattat in-negozju għall-bejgħ tat-tined in kwistjoni u ma kellu xejn x'jaqsam ma' din il-kontrattazzjoni u lanqas jirriżulta li assuma r-responsabbilità għad-danni li allegatament sofra l-attur fir-rigward. Konsegwentement, lanqas jista' jinżamm responsabbli għal xi danni naxxenti minn dan il-kuntratt.*

*Għaldaqstant, ma tqisx li hu meħtieġ li jibqa' jiġi investit il-mertu tat-talba attriċi in kwantu l-azzjoni ġiet diretta fil-konfront tal-konvenut, persuna li ma għandu l-ebda rabta kwalsiasi mal-attur u konsegwentement ma jista' qatt jiġi kkundannat iwieġeb għall-pretensjonijiet tal-attur f'din il-kawża."*

## L-Appell

7. L-appellant ippreżenta rikors tal-appell quddiem din il-Qorti fid-19 ta' Lulju, 2022, fejn qiegħed jitlob sabiex is-sentenza appellata tiġi revokata, filwaqt li jiġu miċħuda l-eċċezzjonijiet kollha tal-appellat u jintlaqgħu t-talbiet tiegħu, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat. Jgħid li l-aggravji tiegħu huma dawn: (a) l-ewwel Qorti iddeċidiet il-kawża b'mod erronju skont eċċezzjoni li ma tressqitx, u effettivament laqgħet eċċezzjoni li ma tresqitx; u (b) mingħajr preġudizzju għall-ewwel aggravju, l-appellat kien il-leġittimu kuntradittur u l-kawża kellha ssir fil-konfront tiegħu.

8. L-appellat intavola t-tweġiba tiegħu fl-24 ta' Novembru, 2022, fejn issottometta li s-sentenza appellata hija waħda ġusta, u għaldaqstant timmerita konferma minn din il-Qorti.

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

9. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tal-appellant fid-dawl ta' dak li ddeċidiet l-ewwel Qorti, u dan meħudin in konsiderazzjoni wkoll is-sottomissjonijiet tal-appellat.

10. L-appellant jikkontendi li fil-proċeduri odjerni, l-appellat qatt ma eċċepixxa li huwa mhux il-leġittimu kuntradittur u lanqas talab sabiex tissejjaħ terza persuna fil-kawża. Jinsisti li s-sitt eċċezzjoni tiegħu ma tistax tiġi nterpretata bħala eċċezzjoni li huwa mhux il-leġittimu kuntradittur. Barra minn hekk il-kumplament tal-eċċezzjonijiet tiegħu huma għal kollox inkompatibbli ma' eċċezzjoni bħal din. Għalkemm l-ewwel Qorti m'użatx il-kliem 'leġittimu kuntradittur', l-import legali

tas-sentenza appellata hekk kien, meta l-appellat qatt ma kien qajjem din l-eċċezzjoni. Jirrileva li mhux hekk biss, iżda l-appellat kien saħansitra iddefenda bil-qawwa kollha t-tinda in kwistjoni. L-appellant jispjega li l-ewwel Qorti kienet iddeċidiet prattikament li l-kawża kellha ssir kontra Roderick Borg u mhux kontra l-appellat, stante li r-rabta kuntrattwali ħasset li kienet ma' tal-ewwel. Jirrileva li meta nqalgħet il-problema, kien daħal l-imsemmi appellat fil-kwistjoni u dan qatt ma talab li jissejjaħ fil-kawża Roderick Borg. Jgħid li l-istess Roderick Borg huwa sieħeb l-appellat, u l-iktar li seta' ġara huwa li jinżamm solidalment responsabbli miegħu. Iżda l-Qorti kienet iddeċidiet li għall-kawża kellu jwieġeb ħaddieħor, u dan mingħajr ma tat l-opportunità lill-partijiet sabiex jindirizzaw l-eċċezzjoni relattiva. Isostni li meta l-Qorti straħet fuq is-sitt eċċezzjoni tal-appellat, hija kienet qegħda ġġebbed ferm l-interpretazzjoni tagħha, fejn tali eċċezzjoni jikkontendi hija waħda ferm vaga. L-appellant jisħaqq li l-eċċezzjonijiet ma jistgħux jinqraw b'mod tant wiesa' sabiex b'hekk jaqdu bżonn proċedurali, għaliex b'hekk l-attur ikun f'żvantaġġ minħabba li ma jkunx jaf proprju x'inhi d-difiża tan-naħa l-oħra. B'hekk jikkontendi li l-istess attur jista' jispiċċa ppreġudikat sew. Jissottometti li l-eċċezzjonijiet għandhom ikunu ċari u preċiżi, iżda fin-nuqqas il-Qorti ma tistax tapplika xi waħda minnhom b'mod restrittiv kif wisq probabbli mhuwiex intiż mill-attur stess. Hawnhekk għal darb'oħra jerġa' jqajjem l-argument tiegħu ta' inkompatibbilità tal-interpetazzjoni tas-sitt eċċezzjoni mal-bqija tal-eċċezzjonijiet tal-appellat. Jammetti li hemm eċċezzjonijiet li jistgħu jitqajmu *ex officio* mill-Qorti stess, iżda dawn jistgħu ikunu biss ta' ordni pubbliku, u hawn jagħmel riferiment għal dak li qalet il-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fis-sentenza tagħha tat-2 ta' Frar, 1990 fl-ismijiet **Ignazio Gatt *vs.* Michael Debono et**. L-appellant jargumenta li l-eċċezzjonijiet iservu sabiex min ikun qed jagħmel l-

azzjoni jressaq il-provi fil-limiti tagħhom, u dan partikolarment fejn mhux mitlub li r-risposta tħares id-disposizzjonijiet tal-artikolu 158 tal-Kap. 12. Jikkontendi li l-eċċezzjoni tal-leġittimu kuntradittur m'għandhiex karattru ta' ordni pubbliku, u hemm diversi sentenzi li jgħidu li wieħed għandu jindika mill-ewwel din l-eċċezzjoni hekk kif jirċievi ittra ġudizzjarja. Iżda meta l-Qorti hawn iddeċidiet eċċezzjoni li ma kinitx ġiet issollevata mill-appellat, huwa ma kellu l-ebda opportunità li jindirizzaha. Minn hawn l-appellant għadda sabiex jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu dwar it-tieni aggravju, fejn issolleva s-segwenti punti: (a) l-appellat fl-eċċezzjonijiet tiegħu ma ddikjarax li huwa mhux il-leġittimu kuntradittur, u ma kien hemm l-ebda eċċezzjoni bħal din; (b) l-appellat iddefenda bil-qawwa kollha l-kwalità tat-tinda li skont hu kien ipprovda u nstalla; (ċ) ir-risposta tal-appellat hija inkompatibbli għal kollox mal-eċċezzjoni li huwa mhux il-leġittimu kuntradittur; (d) fl-ebda stadju l-appellat ma ddeċieda li għandu jsejjaħ fil-kawża lil Roderick Borg, jiġifieri dik il-persuna li skont l-ewwel Qorti kontriha kellhom isiru l-proċeduri odjerni. L-appellant jagħmel riferiment għad-diversi eċċezzjonijiet li ressaq l-appellat, u jikkontendi li dawn jirriflettu li huwa kien korrett meta fetaħ il-proċeduri fil-konfront tal-appellant, iżda dan l-ewwel Qorti ma kkunsidratux. Barra minn hekk fl-atti kien hemm indikazzjonijiet oħra li jsaħħu l-fehma tiegħu li l-ewwel Qorti kienet żbaljata meta qalet li "*l-azzjoni ġiet diretta fil-konfront tal-konvenut, persuna li ma għandu l-ebda rabta kwalsiasi mal-attur u konsegwentement ma jista' qatt jiġi kkundannat iwieġeb għall-pretensjonijiet tal-attur f'din il-kawża*". Fosthom jgħid li hemm dak li qal huwa stess fl-affidavit tiegħu, li Anton Odijk kien jaħdem mal-appellat, liema dikjarazzjoni qatt ma ġiet kontradetta minn dan tal-aħħar, jew minn xi persuna oħra. Imbagħad il-mod kif l-appellat iddefenda l-kawża ma kienx iħalli dubju dwar

ir-rabta tiegħu mad-ditta International Design Projects jew IDP, u għalhekk l-ewwel Qorti ma kellu jkollha l-ebda dubju li dan kellu jwieġeb għall-kawża bħala r-rappreżentant tas-soċjetà li ħarġet il-fattura u li rċeviet il-ħlas. Huwa jagħmel ukoll riferiment għax-xhieda ta' Anton Odijk, persuna indipendenti, li jorbot id-ditta mal-appellat u ma' Roderick Borg, fejn dan ma ġiex ikkontradett għaliex ma sarlux id-debitu kontro-eżami. Hawnhekk l-appellant jagħmel riferiment għal dak li jgħidu awturi esteri fuq il-fatt li wieħed jonqos li jagħmel kontro-eżami, prinċipji li jgħid huma abbraċċjati mis-sistema Maltija. L-appellant jargumenta li jekk imbagħad kien jirriżulta li Roderick Borg u l-appellat kienu sħab fid-ditta IDP, l-ewwel Qorti kellha ssib li dawn kienu solidalment responsabbli, iżda mhux tassolvih għal kollox minn kull responsabbiltà. Jikkontendi li l-appellat saħansitra jaċċetta l-*locus standi* tiegħu f'dawn il-proċeduri, u dan kif jirriżulta mill-affidavit tiegħu u matul il-proċeduri stess. Barra minn hekk, id-dokumenti li ppreżenta kienu xhieda ta' tali *locus standi.* Hawnhekk l-appellant jagħmel diversi mistoqsijiet retoriċi, u jikkontendi li jkun tassew inġust li min irċieva tant flus, jinħeles minn kull responsabbiltà. Filwaqt ukoll li jagħmel riferiment għall-fattura esebita mill-appellat *a fol.* 97, l-appellant jikkontendi li n-ness bejn il-partijiet huwa wieħed awtomatiku u li joħroġ mill-istitut ta' bejgħ, fejn jinvoka d-disposizzjonijiet tal-artikoli 1378, 1390 u/jew 1408 u 1424 tal-Kap. 16. Huwa jgħaddi sabiex jispjega kif l-ewwel Qorti kellha tagħmel l-eżerċizzju tagħha fil-konfront tat-talba tiegħu, u jagħlaq billi jisħaqq li fil-fehma tiegħu hija kellha biżżejjed sabiex tinvestiga l-mertu u tiddeċiedi li l-appellat kien responsabbli lejh.

11. L-appellat jilqa' billi jsostni li s-sentenza appellata hija ġusta. Jikkontendi li minbarra li l-argument tal-appellant huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt, huwa wkoll

frivolu u vessattorju għaliex l-ewwel Qorti minkejja li ma semmiet qatt il-kliem 'leġittimu kuntradittur', ikkunsidrat b'ċirkospezzjoni kbira dak li stqarret fid-*decide* hekk kif laqgħet is-sitt eċċezzjoni tiegħu *in parte* safejn kompatibbli mad-deċiżjoni tagħha. Isostni li għandu jkun hemm ness jew vinkolu bejn l-allegati danni u l-fatt li dawn ġew ikkawżati minnu, u għaldaqstant huwa kien eċċepixxa li l-appellant kellu mill-ewwel iressaq prova li l-imsemmija danni huwa responsabbli għalihom hu. Iżda l-ewwel Qorti sabet li l-provi ma kienux suffiċjenti, u dan għaliex huwa qatt ma kellu jintalab ibati spejjeż meta n-negozju u x-xogħol kollu sar minn terza persuna. L-appellat jikkontradixxi s-sottomissjoni tal-appellant li l-eċċezzjonijiet tiegħu ma jagħmlux sens meta jinqraw flimkien, u jsostni li anki jekk dawn ma jinqrawx mingħajr preġudizzju għal xulxin, huma jagħmlu sens ħolistiku. Jgħid li l-appellant ma ressaqx id-debita prova u saħansitra dak li ppreżenta kien juri li d-danni kellhom jiġu indirizzati lil min għamel in-negozjati u mhux lil min sab fin-nuqqas tal-ewwel wieħed. Jissottometti li ma tistax tinftiehem il-kontenzjoni tal-appellant li huwa ma kienx ingħata l-opportunità sabiex iwieġeb għal dak li eċċepixxa l-appellat, u dan għaliex kien eżamina sew ir-risposta tiegħu, u saħansitra ftit inqas minn xahar wara ppreżenta rikors sabiex l-ewwel Qorti tawtorizza korrezzjoni billi l-ammont ta' danni reklamat jiżdied. Huwa hawn kien ippreżenta risposta ulterjuri fejn għal darb'oħra ċaħad l-allegazzjonijiet magħmulin fil-konfront tiegħu bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt, filwaqt li m'oġġezzjonax għall-korrezzjoni. Barra minn hekk l-appellat jgħid li huwa ftit jista' jifhem kif l-appellant donnu ppretenda li jiġi msejjaħ fil-kawża Roderick Borg, u dan għaliex jekk għad-danni kellu jaħti ħaddieħor, kien l-appellant li kellu jagħti każ lil min kellu jiġi mħarrek. Jgħid li s-sitt eċċezzjoni tiegħu ma tistax titqies bħala tant ġenerika li tista' tfisser kollox u

li hija kellha tqanqal dubju dwar min kellu jbati l-allegati danni. Jekk imbagħad il-Qorti qajmet il-kwistjoni minn jeddha, dan kien ikun biss għaliex hija ma kinitx tal-fehma li parti f'kawża għandha twieġeb għall-allegazzjonijiet tal-parti l-oħra. Dwar it-tieni aggravju, l-appellat iwieġeb li l-provi fl-atti kienu juru l-kuntrarju, fejn ir-relazzjoni tal-appellant kienet ma' terz u mhux miegħu. Jirrileva li l-ewwel persuna li l-appellant kien iltaqa' magħha għall-fini ta' negozju kien Roderick Borg, li huwa jiddeskrivi bħala "rappreżentant ta' IDP Malta". Sussegwentement meta ħaseb li l-prodott ma kienx iggalvanizzat, mill-ewwel għamel kuntatt ma' IDP Malta, dejjem b'riferiment għall-istess Roderick Borg, u ġie nkarigat terz li kien impjegat tal-appellat stess, sabiex ix-xogħlijiet jissewwew. L-appellant jirrileva li in kontro-eżami, l-appellant qal li r-rappreżentant ta' IDP Malta kien proprju Roderick Borg u mhux l-appellat, u mistoqsi dwar huwa lil min kien ikellem sakemm bdew ix-xogħlijiet fuq it-tinda, ikkonferma li l-appellat qatt ma kien deher. Barra minn hekk, meta l-appellant kellu xi lmenti huwa ma tkellimx mal-appellat. L-istess appellat għalhekk jikkontendi li huwa tant ċar li l-proċeduri saru kontrih għaliex l-appellant ried li jitfa' ir-responsabbiltà fuqu, fejn huwa filfatt kien ittenta jagħmilha ta' medjatur, wara li l-persuna ma' min l-appellant innegozja, fi kliem l-appellant stess, kien sparixxa. L-appellat jirrileva li in kontro-eżami, l-appellant lanqas seta' iwieġeb għall-mistoqsija min kien ir-rappreżentant tal-IDP Malta, u dan meta huwa kien fetaħ il-proċeduri odjerni fejn indika lilu bħala r-rappreżentant. L-appellant saħansitra qal li assuma li kien Roderick Borg, ġaladarba kien huwa li ġie bil-*leaflet.* Imbagħad mistoqsi dwar min kellu jsewwi l-problema, l-appellant wieġeb li kien is-Sur Zulkov. L-appellat jgħid li din ix-xhieda hija waħda li tqanqal id-dubju tassew u twaqqa' dak li ngħad fir-rikors tal-appell li r-rabta kuntrattwali kienet miegħu. Tassew irriżulta li huwa daħal fix-xena ferm

wara. Jirrileva wkoll li jirriżulta mix-xhieda ta' ulied l-appellant, Stephanie u Melanie Cassar, li kkonfermaw li r-rabta kienet ma' Roderick Borg li kien hemm waqt l-installazzjoni. Ir-raġuni għaliex l-istess Roderick Borg kien ħareġ mix-xena, wieħed isibha fl-affidavit ta' Stephanie Cassar, fejn tgħid li *'[e]ventwalment Martin kien għaddieli n-numru ta' ċertu wieħed Zulkuf".* L-appellat jispjega li l-ftehim li din ix-xhud għamlet u li l-appellant ippreżenta fil-proċeduri odjerni, kien jgħid b'mod inekwivoku, li l-klijent kien qed jaċċetta li l-persuna responsabbli kien il-Prinċipal u mhux l-Aġent fil-kapaċità personali tiegħu. L-appellat hawn għadda sabiex għamel riferiment għal sentenza ta' din il-Qorti tat-12 ta' Lulju, 2019 fl-ismijiet **Darren Borg *vs.* Geomike Limited et**, kif rifless f'dak li qalet l-ewwel Qorti u anki fix-xhieda tiegħu fejn spjega l-parir li huwa kien ta lit-tfal tal-appellant. Jgħid li dan huwa rifless wkoll fl-affidavit ta' Melanie Cassar, fejn hija tiddeskrivi lil Roderick Borg bħala "rapprezentant ta' IDP Malta", u hija fissret kif kellu jsir ix-xogħol. Irrileva li huma damu jinnegozjaw mal-istess Roderick Borg, u aktar tard sar il-ftehim miegħu. Meta mbagħad inqalgħu xi problemi, l-appellat jgħid li Melanie Cassar xehdet li *"immedjatament ikkuntatjana lil Roderick",* u lill-appellat ma kienux jafuh sakemm l-istess Roderick kien ma jiflaħx u għaddihom lilu. Jispjega li huwa kien ittenta jsib soluzzjoni bħala persuna li kienet taħdem fi ħdan l-istess IDP Malta. L-appellat ikompli jiċċita dak li qalet Melanie Cassar fix-xhieda tiegħu dwar meta s-Sur Zulkuf kien ġie mit-Turkija sabiex jispezzjona x-xogħol. Jikkontendi li din ir-relazzjoni kienet ta' importanza qawwija għaliex skont il-ftehim, huwa kien responsabbli għall-materjal għaliex kien għadu jipprovdi lill-appellant b'garanzija, u l-appellant min-naħa tiegħu rrikonoxxa permezz tal-ftehim tiegħu li r-relazzjoni tiegħu kienet mal-istess Pergo Turk u mhux mal-appellat. L-appellat jaċċenna fuq l-attitudini tal-appellant u ta' uliedu

allegatament ta' 'uża u armi', u jirrileva bosta punti in sostenn ta' dan ta' kif seħħew il-fatti. Iżda minn dan kollu kien jirriżulta li l-appellant kien fetaħ il-proċeduri odjerni kontra l-appellat għaliex kien l-iktar persuna faċli li jsib. L-appellat jagħlaq billi jiċċita dik il-parti tas-sentenza appellata li tirrifletti l-ħsibijiet tal-ewwel Qorti, dwar kif hija waslet għall-konklużjoni tagħha dwar il-każ odjern.

12. Il-Qorti tikkunsidra li s-sentenza appellata hija tajba, u tibda billi qabel xejn tirrileva li kif sewwa josserva l-appellant, ma jirriżultax li l-ewwel Qorti ddeċidiet xi eċċezzjoni li l-appellat mhuwiex il-leġittimu kuntradittur. Imma ma jistax jonqos li l-ewwel Qorti f'proċeduri fejn l-appellant qed jippretendi ħlas ta' danni, ma teżaminax u ma tistabbilixxix in-ness bejn dawk l-allegati danni u l-appellat. Għalhekk, l-ewwel Qorti fl-imsemmija sentenza appellata, stqarret li hija kienet ser tibda billi tikkunsidra dak li qal l-appellat fix-xhieda tiegħu, u ċjoé li huwa kien intervjena fil-kwistjoni tas-sadid li kien tfaċċa fil-*pergolas,* wara li Roderick Borg kien marad serjament, u anki li huwa kien informa lid-diriġenti tal-istabbiliment 'Apple's Eye' li huma ma setgħux jimxu legalment fil-konfront tiegħu, stante li l-ftehim bejn il-partijiet kien li IDP Malta ma kinitx responsabbli għax-xogħol ipprovdut u eżegwit minn Pergo Turk. L-ewwel Qorti rrilevat li meta l-appellat kien xehed minn jeddu waqt is-seduta tad-29 ta' Novembru, 2021[1], huwa kien irrefera għal dak il-ftehim għall-bejgħ u għall-konsenja tal-*pergolas* in kwistjoni magħmul fit-13 ta' Ottubru, 2017[2], fejn qalet li rriżulta li ġie espressament miftiehem li *"[t]he client acknowledges and accepts that the agent is acting as an agent for and on behalf of the principal and not in his own personal capacity. Also the guarantee is in the responsibility of the principal (Manufacturer)".*

[1] *A fol.* 81.
[2] Dok. MB1 *a fol.* 97.

13. Hawnhekk l-ewwel Qorti rrilevat li l-argument miġjub mill-appellat huwa rifless fit-tieni u fis-sitt paragrafi tar-risposta tiegħu, fejn eċċepixxa li t-talba tal-appellant kienet infondata u għandu jiġi ppruvat in-ness bejnu u l-allegati danni. Tajjeb ikkunsidrat li ma kienx hemm kontestazzjoni dwar il-fatt li l-bejgħ u l-konsenja tat-tined jew *pergolas* u l-istallazzjoni tagħhom fl-istabbiliment 'Apple's Eye' kienu saru minn ċertu Roderick Borg, u li ma kienx l-appellat li kien innegozja taħt l-isem 'IDP Malta'. Osservat tajjeb ferm li meta xehed in kontro-eżami waqt l-udjenza tal-11 ta' Ottubru, 2021, l-appellant iddikjara li huwa ma kienx tkellem mal-appellat *"...sakemm...meta bagħtna għalih biex inkellmuh li x-xogħol qiegħed issaddad, in the meantime Roderick sparixxa...",* meta huwa Roderick Borg li kien preżenti waqt in-negozjati u anki fuq il-lant tax-xogħol. Punt ieħor ta' rilevanza qawwija li l-ewwel Qorti rrilevat, huwa l-fatt li l-appellant stess iddikjara li huwa kien ħallas lill-istess Roderick Borg.

14. Imbagħad l-ewwel Qorti għaddiet sabiex ikkunsidrat il-prova dokumentarja, fejn sabet li l-ftehim dwar il-bejgħ, konsenja u installazzjoni tal-*pergolas* kien jirriżulta mill-fattura li kellha d-data tat-13 ta' Ottubru, 2017. L-ewwel Qorti rrilevat punt li din il-Qorti tqis li jirrifletti l-fatti konċernanti l-pern tal-kwistjoni bejn il-partijiet, jiġifieri li din il-fattura kienet tixhed li l-ftehim sar bejn 'Steph Cassar' u 'IDP Malta (International Design Projects)', li kienet qegħda taġixxi bħala aġent ta' Pergo Turk, Turkey. L-ewwel Qorti osservat li l-istess 'Steph Cassar' kienet iffirmat bħala 'l-klijent' u ħaddieħor, li ma kienx ikkontestat li mhux l-appellat, u li ffirma bħala 'l-aġent' għan-nom tal-prinċipal 'Pergo Turk', id-ditta manifattriċi tal-prodott. Irrilevat li f'dan id-dokument kien hemm ukoll dikjarazzjoni espressa li l-klijent kien qed jaċċetta li l-aġent kien qed jidher biss

għan-nom u in rappreżentanza tal-prinċipal, u mhux fil-kapaċità tiegħu personali. Dan huwa punt ieħor li din il-Qorti tikkunsidra ta' rilevanza qawwija għall-kwistjoni odjerna.

15. Imbagħad l-ewwel Qorti għaddiet sabiex ikkunsidrat li ma kienx jirriżulta li l-isem 'IDP Malta' kien jappartjeni lil xi entità jew korp ta' persuni formalment imwaqqaf bil-liġi, iżda kien biss isem ta' negozju sabiex b'hekk min jaġixxi għan-nom tad-ditta jkun qed jidher f'ismu. Osservat ukoll li madankollu fil-każ odjern, Roderick Borg jew min kien qed jinnegozja mal-appellant, kien qed jidher mhux f'isem 'IDP Malta' iżda bħala aġent ta' Pergo Turk, li kienet qegħda tipprovdi x-xogħol. B'hekk ikkonkludiet li r-relazzjoni kuntrattwali ta' min kien qed jixtri, kienet waħda diretta ma' min kien qed jissupplixxi dan ix-xogħol. Għal dawn ir-raġunijiet, l-ewwel Qorti sabet li l-azzjoni li ressaq l-appellant fil-konfront tal-appellat, ma setgħetx tirnexxi. Qalet li l-appellat ma kien ħa l-ebda sehem fin-negozju, kemm bħala aġent tad-ditta estera u lanqas f'ismu proprju, u għalhekk ma setax jiġi kkunsidrat responsabbli għad-danni li l-appellant qed jallega li sofra riżultat tad-diffetti fil-prodott li huwa xtara skont il-fattura tat-13 ta' Ottubru, 2017.

16. L-ewwel Qorti ġustament ma sabet l-ebda rabta kuntrattwali ġuridika jew ta' xort'oħra bejn il-partijiet, u ddikjarat korrettement li l-appellant kien naqas milli juri l-eżistenza ta' ness bejn id-danni allegatament sofferti u l-konvenut. Għarfet tajjeb li għalkemm l-appellat kien intervjena mal-appellant u wliedu sabiex tinstab soluzzjoni, kien ċar li dan għamlu għan-nom tad-ditta estera, iżda mhux għaliex kien assuma r-responsabbiltà personali għall-bejgħ u għall-konsenja tal-prodott, jew sabiex tissewwa l-ħsara. Il-Qorti hawnhekk iżżid tgħid

li ma jirriżultax mill-provi li l-appellat kien daħal sabiex jagħmel tajjeb għal kwalunkwe difetti li setgħu tfaċċaw fil-prodott, u ma jidhirx li l-appellant qed jallega li hekk kien il-każ. Aktar tard fis-sentenza appellata, l-ewwel Qorti wkoll għarfet dan, u stqarret li jekk l-appellat kien għamel offerta sabiex iħallas għall-ispejjeż tax-xogħol rimedjali, dan sar mhux għaliex kien aċċetta personalment r-responsabbiltà, iżda minħabba rieda tajba sabiex jiġu mminimizzati l-ispejjeż għall-prinċipal tiegħu, u sabiex jintlaħaq ftehim bonarju. Il-Qorti hawnhekk tikkunsidra li jkun ġust li jsir riferiment għal dak li qal l-appellat fl-affidavit tiegħu. Mill-ispjegazzjoni tiegħu, jirriżultaw ċari ċ-ċirkostanzi li fihom kien għamel din il-proposta, jiġifieri fejn tali proposta kienet tistrieħ fuq il-kundizzjoni li Mr Zulkuf jibgħat lejn Malta l-materjal neċessarju. Imma jirriżulta wkoll li huwa ma kienx għadu jaf li Anton Odijk, li eventwalment għamel ix-xogħol rimedjali, u li kien impjegat magħhom, kien qed jaġixxi minn wara dahru u jinnegozja mal-appellant bħala *"freelance maintenace guy"*[3], fatt li joħroġ ukoll mix-xhieda in kontro-eżami tal-appellant[4], sabiex b'hekk skont l-appellat din kienet ir-raġuni probabbli għaliex ma tħalliex jagħmel l-ebda xogħol bl-iskuża li dan kellu jkun iggalvanizzat.

17. L-ewwel Qorti rrilevat ukoll li kien irriżulta mill-provi li l-appellat kien permezz ta' *Whatsapp* ikkrea *chat* bejn l-appellant u Mr Zulkuf[5], sabiex b'hekk tinstab soluzzjoni. Qalet li l-appellat kien huwa stess għamel l-arranġamenti meħtiega sabiex rappreżentant tad-ditta estera jżur Malta, bl-iskop li jara l-problemi fil-prodott u tinstab soluzzjoni rimedjali għalihom.[6] Il-Qorti tirrileva

[3] Ara *affidavit a fol.* 63.
[4] Seduta tal-11.10.21 *a fol.* 76.
[5] Ara *affidavit a fol.* 62.
[6] *Ibid.*

wkoll li fl-affidavit[7] tagħha, ix-xhud Stephanie Cassar spjegat b'mod inekwivoku kif meta tfaċċa s-sadid fil-ħadid tat-tined, l-appellat kien għaddielhom in-numru ta' ċertu Mr. Zulkuf u huma kienu nnegozjaw direttament miegħu, għalkemm qalet li ma waslu mkien. Għal dawn ir-raġunijiet kollha, l-ewwel Qorti kkonkludiet li l-appellat kien qiegħed jirrappreżenta d-ditta estera Pergo Turk, u kien għamilha ta' intermedjarju fin-negozjati bejn l-appellant u l-prinċipal.

18. Il-Qorti tikkondividi l-fehma tal-ewwel Qorti, u ma ssibx xejn iktar x'iżżid mal-konsiderazzjonijiet tagħha ferm ċari u mirquma.

19. Għaldaqstant, din il-Qorti ma ssibx l-aggravji tal-appellant ġustifikati, u tiċħadhom.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellant billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha anki fir-rigward tal-kap tal-ispejjeż.**

**L-ispejjeż tal-appell odjern għandhom ikunu wkoll a karigu tal-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**

[7] *A fol.* 17.